**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Dicembru 2024**

**Rikors guramentat nru : 89 /2024 AGV**

**MA**

**-vs-**

**Dr Mattia Felice u PL Luisa Tufigno bhala Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti DA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors guramentat ta'  MA**

**Tesponi reverentment  u bil-gurament taghha tikkonferma;**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) gewwa l-Kappella tal-Kapuccini gewwa l-Floriana kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, anness u mmarkat bhala **Dok. MA1**;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tliet (3) ulied, ossia  MR A li twieldet nhar l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u li llum ghandha tmintax-il (18) sena u tistudja l-MCAST fuq bazi full-time, u t-twemin MY u G A   li twieldu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u li allura ghandhom sittax-il (16) sena li minnhom il-minuri Myra ukoll tattendi l-MCAST fuq bazi full-time filwaqt li Gail ma tahdimx u ma tistudjax, kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid annessi u mmarkati bhala **Dok. MA2**, **Dok. MA3** u **Dok. MA4** rispettivament;
3. Illi z-zwieg tal-kontendenti ma kien felici xejn u filfatt il-konvenut A ma kien qatt f'hajjet uliedu – la sabiex jaghti s-sostenn morali jew finanzjarju tieghu u lanqas ma kien fizikament prezenti tuli t-trobbija taghhom. In oltre rrizulta li kien hemm ukoll adulterju tul iz-zwieg tal-partijiet stante li l-mittenti taf minn tal-anqas b'zewg trabi ohra li twieldu dak iz-zmien, b'omm wiehed minn tali tfal tattendi f'dik li kienet id-dar matrimonjali u b'sorpriza tinforma lill-esponenti attrici li kienet tqila minn wild il-konvenut.

4. Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-esponenti telqet minn dik li kienet id-dar matrimonjali meta hija kellha tlett xhur tqala bl-ulied tewmin, u minn hemm, il-kuntatt bejn il-konjugi inqata` ghal kollox tant illi l-attrici giet mgharrfa minn hbieb tal-familja li l-konvenut kien halla dawn il-gzejjer wara li akkumula djun kbar fil-gzejjer Maltin u emigra lejn l-India;

5. Illi l-ahhar kuntatt li l-attrici kellha mal-konvenut kien madwar hmistax-il (15) sena meta l-konvenut kien iqatta` zmien Malta u perjodu estizi barra mill-pajjiz u sa minn dakinhar il-konvenut la qatt ra lill-uliedu, la qatt ikkuntattja lill-attrici u wisq anqas issomministra manteniment ghat-trobbija taghhom li waqghet interament fuq l-esponenti li rat kif ghamlet sabiex b'sagrificcji personali u b'ghozza kbira tara li l-ulied ma jkun jonqoshom xejn tul dawn is-snin kollha minkejja li il-konvenut kien tenut kont jissomministra s-somma ta' elf Ewro (EUR1,000) kull erba` gimghat manteniment kumplessiv ghaliha u ghat-tliet ulied il-partijiet skond digriet moghti nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha [21.07.2009], minn dina l-Onorabbli Qorti f'kawza 251/08 li sussegwentement giet abbandunata mill-partijiet, u li minnhom, sa minn dakinhar, ghadu ma thallas assolutament xejn – anzi kellha l-istess attrici thallas dejn li huwa halla warajh f'Malta – kopja annessa u mmarkata bhala **Dok. MA5**;

6. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti ilha li assumiet l-obbligi kollha fir-rigward ta' wlied il-partijiet ormai ghal diversi snin fl-assenza tal-konvenut u stante li mghandha l-ebda kuntatt mieghu, kellha taghmel dan b'diffikulta` kbira mhux biss finanzjarja imma wkoll

prattika minhabba l-bzonn ta’ firem u awtorizzazzjonijiet li jkunu mehtiega minn zmien ghal zmien miz-zewg genituri – filfatt l-istess ulied sa llum ghadhom qatt ma siefru proprju minhabba li mghandhomx passaport;

7. Illi kien ghalhekk li l-esponenti, issa li l-ulied bdew javvanzaw fl-etajiet taghhom, hasset il-htiega li taghmel dan il-pass u ghalhekk ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenza din l-istanza permezz ta’ digriet datat nhar l-erbgha (4) ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) – kopja legali ta’ liema digriet tinsab annessa u mmarkata bhala **Dok. MA6**;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat konvenut;

2. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, b’mod partikolari billi tordna li l-assi, id-depoziti bankarji u flus kontanti li jinsabu f’idejn il-partijiet jibqghu f’idejn dik il-parti li fil-prezent tippossjedihom, u li l-partijiet ihalsu d-djun rispettiv taghhom li jkunu akkumulaw tul is-snin f’isimhom wehidhom u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-parti l-ohra, jekk jirrizulta li hemm;

3. Tordna illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri, ossia t-tewmin M u G A li llum ghandhom sittax-il (16) sena, ghandha tkun affidata esklussivament u interament f'idejn l-attrici ommhom li sa minn ckunitha kienet l-uniku genitur prezenti tul it-trobbija taghhom fl-assenza kompleta tal-konvenut missierhom fit-trobbija u fil-hajja taghhom, b'dan illi l-attrici ghandha tkompli tiehu tali decizjonijiet kollha fl-interess tal-ulied wehidha – dawk ordinarji u kif ukoll dawk straordinarji li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, inkluz ukoll decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaporti ghall-istess minuri minghajr il-htiega tal-kunsens u/jew il-firma tal-konvenut D A ;

4. Konsegwentement tordna li l-minuri M u G , ghandhom ikomplu jirrisjedu mal-attrici u li r-residenza primarja taghhom ghandha tkun dik li l-istess attrici tistabilixxi ghaliha nnifisha;

**Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta Guramentata tal-Avukat Dr Mattia Felice u l-PL Luisa Tufigno bhla Kuraturi Deputati ghall-Assenti DA ;**

Jespnu bir-rispett u bil-gurament jikkonfermaw:

1. Illi l-esponenti m`huwiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f`kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

2. Illi minghajr preguddizzju ghas-suespost ir-rikorrenti trid tipprova li ghalmet l-almu taghha sabiex tinnotifika lill-intimat DA bil-proceduri kollha stipulati fil-ligi;

3. Illi minghajr preguddizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ukoll trid jipprova illi l-allegat assenti ragel verament mhux prezenti f`Malta u li telaq mill-pajjiz b`mod u manjiera ta abbandun ghal ragunijiet imputabbli lilu;

4. Illi intant, r-rikorrenti ghandha tipprovdi kull informazzjoni li jista jkollha dwar l-assenti DA lill-esponenti sabiex dan ikun jista tigi potenzjalment rintraccjat;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kienu zzewgu fit-3 ta’ Novembru 2006 u minn dan iz-zwieg kellhom tlitt ulied, MR ill illum ghandha 19-il sena, u tewmin MY u G li ghandhom 17-il sena. MR u MY t-tnejn jistudjaw full time gewwa l-MCAST. Waqt illi kienet ghadha tqila bit-tewmin, l-attrici teqet mid-dar matrimonjali, peress illi saret taf illi l-konvenut kellu trabi minn persuni ohra waqt iz-zwieg. Fil-frattemp, saret taf li l-konvenut kien harab minn Malta u mar jghix l-India, wara li halla warajh hafna dejn. Ilu ma jkollha kuntatt mieghu ghal aktar minn hmistax-il sena, u ma tafx fejn qieghed, x’inhu jaghmel, u kif tista’ taghmel kuntatt mieghu.

L-attrici kienet gia’ istitwiet procedure kontra l-konvenut lura fl-2008, u di fatti kienet ottjeniet digriet ta’ manteniment ghaliha u ghat-tlitt itfal fis-somma ta’ elf Ewro (€1,000) kull erba’ gimghat, liema digriet kien inghata fil-21 ta’ Lulju 2009. Il-kawza, izda, kienet giet abbandunata mill-partijiet (Rikors 251/08AF). Illi ghalhekk, l-attrici fethet dawn il-proceduri sabiex tirregolarizza l-posizzjoni taghha dwar il-komunjoni tal-akkwisti, flimkien mal-kura w kustodja tat-tewmin.

Fl-affidavit taghha ippresentat fis-seduta tas-26 ta’ Settembru, 2024, l-attrici tikkonferma dak kollu indikat minnha fir-rikors guramentat taghha. Ikkonfermat li l-konvenut kellu tfal minn nisa ohra waqt li kien mizzewweg lilha, u kkonfermat ukoll li, minkejja d-digriet ta’ manteniment u minkejja li kellu sentenzi kriminali kontra tieghu ghal nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment, hu baqa’ qatt ma hallas xejn, minkejja illi kellu impieg mal-Freeport sal-2009.

Ghalhekk, l-attrici mantniet lit-tlitt itfal wehidha, minghajr ghinuna mill-konvenut. Fil-fatt, il-konvenut lanqas biss jaf lit-tewmin. Ikkonfermat ukoll

li ilu ma jkollha kuntatt mieghu ghal bosta snin. Dan ikkonfermatu anke waqt il-kontro ezami li sarilha mill-kuratur. L-attrici temmet l-affidavit taghha tiddikjara illi ma hemm ebda proprjeta' in komuni bejniethom. Ghal dak illi jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-istess komunjoni, ghalhekk, il-Qorti qed tiddeciedi li l-attrici ghandha zzomm il-kontijiet bankarji illi huma f'isimha, ghalkemm prova ta' dan ma gietx prodotta. Inoltre, jekk jirrisulta xi dejn tal-komunijoni, dan ghandu jkun a kariku tal-parti illi kkawzatu. Ghall-kumplament, il-komunjoni qed tigi dikjarata terminata u likwidata. Il-kura w kustodja taz-zewg tewmin minuri ghandha tigi assenjata esklussivament lill-attrici, li qed tigi ukoll assenjata s-setgha ta' genitur ad eskluzjoni tal-konvenut.

Illum l-attrici tinsab f'relazzjoni stabbli ma' certu G P.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:
TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. Tiddikjara u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat konvenut;

2. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, b'mod partikolari billi tordna li l-assi, id-depoziti bankarji u flus kontanti li jinsabu f'idejn il-partijiet jibqghu f'idejn dik il-parti li fil-prezent tippossjedihom, u li l-partijiet ihalsu d-djun rispettiv taghhom li jkunu akkumulaw tul is-snin f'isimhom wehidhom u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-parti l-ohra, jekk jirrizulta li hemm;

3. Tordna illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri, ossia t-tewmin MY  u GA li llum ghandhom sittax-il (16) sena, ghandha tkun affidata esklussivament u interament f'idejn l-attrici ommhom li sa minn ckunitha kienet l-uniku genitur prezenti tul it-trobbija taghhom fl-assenza kompleta tal-konvenut missierhom fit-trobbija u fil-hajja taghhom, b'dan illi l-attrici ghandha tkompli tiehu tali decizjonijiet kollha fl-interess tal-ulied wehidha – dawk ordinarji u kif ukoll dawk straordinarji li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, inkluz ukoll decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaporti ghall-istess minuri minghajr il-htiega tal-kunsens u/jew il-firma tal-konvenut  DA  ;

4. Konsegwentement tordna li l-minuri MY  u G  ghandhom ikomplu jirrisjedu mal-attrici u li r-residenza primarja taghhom ghandha tkun dik li l-istess attrici tistabilixxi ghaliha nnifisha;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, stante li l-konvenut huwa mahrub minn Malta, izda jsiru rikuperabbli interament minnu hekk kif jigi rintraccat.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur.**